MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru 20/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 20 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat omissis, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi meta omissis (data tat-twelid taghha omissis) kienet tifla zghira, kienet tmur ta' spiss, b'mod partikolari fil-"weekends", ghand in-nanna materna taghha. L-akkuzat omissis, li jigi hu omm omissis, u cioe' z-ziju taghha, kien residenti fid-dar ta' ommu omissis. Darba minnhom, fis-sajf tas-sena elf disa' mija tmienja w disghin (1998), l-akkuzat talab lil omissis titla' mieghu fuq il-bejt biex jaghlef il-hamiem. Kif waslu fil-kamra li taghti ghal fuq il-bejt, l-akkuzat talab lin-neputija tieghu biex tinza' l-qalziet u timtedd ma' l-art. Kif ghamlet hekk, omissis kellu kongunigment karnali maghha kontra l-volonta' taghha.

omissis, li dak iz-zmien kellha biss seba' snin, ftit li xejn setghet toffri rezistenza.

Din l-istorja rrepetiet ruhha xi hames darbiet ohra fil-gimghat u fix-xhur ta' wara. Fi tlett okkazzjonijiet ohra l-akkuzat kellu kongungiment karnali man-neputija tieghu fl-istess post, u cioe' fil-kamra li taghti ghal fuq il-bejt. Darb' ohra l-akkuzat ha lin-neputija tieghu fl-inhawi ta' Hal-Far bil-karozza w hemmhekk rega' kellu kongungiment karnali maghha. F'okkazzjoni ohra omissis baghat ghal omissis u, meta kienu fil-kamra tieghu fir-residenza ta' ommu, talabha tinza' w timtedd fuq is-sodda w imbaghad rega' kellu kongungiment karnali maghha kontra l-volonta' taghha.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi omissis sar hati ta' stupru vjolenti aggravat, u cioe' talli b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar minn axxendent u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kienitx ghalqet l-eta' ta' disa' snin.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill-imsemmi omissis talli kkommetta stupru vjolenti aggravat, u cioe' talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar minn axxendent u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kienitx ghalqet l-eta' ta' disa' snin.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghoxrin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 37, 198, 201(a), 202(b)(g) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' l-Akkuza, w cioe' fis-sajf tas-sena elf disa' mija tmienja w disghin (1998) u fil-gimghat ta' wara, l-akkuzat omissis kellu kongungiment karnali ripetut man-neputija

tieghu, l-minuri omissis (data tat-twelid taghha omissis), u dan diversi drabi kif spjegat. F'dan il-perjodu l-akkuzat ikkorrompa lill-minuri b'diversi atti zienja ohra w dan apparti l-kongungiment karnali ripetut. F' izjed minn okkazzjoni wahda l-akkuzat dahhal il-parti privata tieghu f'halq din it-tifla ta' seba' snin. F'okkazzjoni ohra l-akkuzat omissis dahhal subghajh fil-parti privata tal-minuri omissis.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi omissis sar hati ta' korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taht l-eta', w cioe' talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta', tas-sess l-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena w sar minn axxendent.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill-imsemmi omissis talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taht l-eta', w cioe' talli b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta', tas-sess l-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena w sar minn axxendent.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' snin sa disa' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 37, 203(1) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lil omissis hati skond l-Ewwel kap tal-Att tal-Akkuza izda minghajr l-aggravanti li r-reat gie kommess minn axxendent w li bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabuh hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza izda minghajr l-aggravanti li r-reat gie kommess minn axxendent.

Tiddikjara ghalhekk lil omissis hati talli :

1. fis-sajf tas-sena 1998 kkommetta stupru vjolent aggravat, u cioe’ talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ omissis, b’dan li l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kienitx ghalqet l-eta’ ta’ disa’ snin, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. fis-sajf tas-sena 1998 u fil-gimghat ta’ wara, kkommetta korruzzjoni aggravata ta’ omissis, tifla ta’ taht l-eta’, w cioe’ talli b’diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’eghmil zieni kkorrompa lill-istess omissis, persuna ta’ taht l-eta’, b’dan li d-delitt sar bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta’ ta’ tnax-il sena w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Joseph Mifsud**, li jinsabu kollha registrati w cioe’ :-
Li l-verdett dwar l-Ewwel Kap kien wiehed minimu;
Li r-reat gara hafna snin ilu;
Li dam ma gie rrapurtat;
Li ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-kommissjoni tar-reati;
Li l-hati kien taht l-eta’ dak iz-zmien;
Li sa dak iz-zmien il-kondotta tal-hati kienet wahda nettissima.

Qieset dak li qalet l-abbli prosekutur **Dr. Nadine Sant** li jinsabu kollha registrati w cioe’ :-
Li l-piena ghandha tkun fil-massimu taghha possibbli;
Illi wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh il-konsegwenzi li sofriet il-vittma w l-familja taghha partikolarment ommha;
Li jekk jista’ jkun ghandu jkun hemm garanzija mposta biex tipprotegi l-vittma w il-familja taghha;

Rat illi l-piena bazika ghall-ewwel reat ta’ stupru vjolent hija dik ta’ minn tlitt snin sa disgha snin li biz-zieda ta’ zewg gradi ghar-reat kontinwat u grad iehor ghall-aggravanti li l-vittma ma kienitx ghalqet id-disa’ snin hija dik minn minimu ta’ erba’ snin u massimu ta’ tletin sena prigunerija.

Rat li l-piena ghat-tieni reat kontinwat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, bl-aggravanti li l-vittma ma kienetx ghalqet l-eta’ ta’ tnax il-sena tvarja minn minimu ta’ sentejn sa massimu ta’ tnax il-sena prigunerija.

Qieset pero’ li l-hati kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax (18) il-sena meta gew kommessi r-reati de quo w ghalhekk skond l-artikolu 37 tal-Kap. 9 jista’ jibbenifika minn riduzzjoni ta’ sa zewg gradi fil-piena fuq kull reat. Dan igib biex il-piena kumulattiva ghaz-zewg reati flimkien tkun tvarja bejn wahda minima ta’ sentejn u erba xhur bi tnaqqis ta’ zewg gradi w dik ta’ tlieta w ghoxrin sena bi tnaqqis ta’ grad wiehed fuq il-massimu w bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17 (1) (b) tal-Kodici Kriminali.

Qieset il-fedina penali tal-hati fejn ghal tlitt darbiet kien instab hati ta’ sewqan ta’ vetturi bla licenzja w bla kopertura ta’ polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi kif ukoll darba ta’ ksur tal-buon ordni, kliem oxxen, rifjut li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lill-Pulizija w theddid ta’ Pulizija. Apparti multi, f’ dan l-ahhar kaz gie ukoll moghti kundanna ta’ xahar prigunerija sospiza ghal sena. Irrid jinghad pero’ li dawn ir-reati gew kollha kommessi wara l-kommissjoni tar-reati mertu ta’ din il-kawza w li hu kien incensurat fiz-zmien taghhom.

Qieset fuq kollox il-gravita’ enormi tar-reati w l-effett li dawn kellhom fuq il-personalita’ tal-vittma, kif xehdet hi stess u l-istragi familjari li gabu maghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 31, 37, 198, 201(a), 202(g), 203(1)(a)(3) u l-proviso (a) taghha w l-proviso tal-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati **omissis** ghall-piena komplessiva ta’ ghaxar (10) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------